# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1223

## tal-5 ta' Lulju 2017

## li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Tomme de Savoie (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba mressqa minn Franza għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Tomme de Savoie", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]).

(2) Permezz tal-ittra tat-23 ta' Novembru 2015, l-awtoritajiet Franċiżi kkomunikaw mal-Kummissjoni li perjodi tranżitorji skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, li jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2017 u fil-31 ta' Ottubru 2025, ingħataw lill-operaturi li huma stabbiliti fit-territorju tagħhom u li jissodisfaw il-kundizzonijiet ta' dak l-Artikolu skont l-Ordni tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar l-indikazzjoni ġeografika protetta "Tomme de Savoie" ppublikata fis-7 ta' Novembru 2015 fil-*Journal Officiel de la République française* (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża). Matul il-proċedura ta' oppożizzjoni nazzjonali, wieħed mill-operaturi ressaq oppożizzjoni dwar il-porzjon minimu ta' 50 % ta' għalf ohxon aħdar fir-razzjon bażiku tal-baqar tal-ħalib għal mill-inqas 150 ġurnata kull sena, u erba' operaturi ressqu oppożizzjoni dwar il-porzjon minimu ta' 75 % ta' baqar tal-ħalib mir-razez Abondance, Montbéliarde jew Tarentaise li l-bdiewa għandu jkollhom fl-azjendi agrikoli tagħhom. Ir-raġuni li taw kienet li kellhom bżonn xi żmien biex jadattaw l-azjendi agrikoli tagħhom. L-operaturi legalment ikkummerċjalizzaw it-"Tomme de Savoie" b'mod kontinwu għal mill inqas ħames snin qabel ma' ppreżentaw l-applikazzjoni. Il-perjodu tranżitorju li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2017 japplika għal GAEC Le Seysselan, Vallod, 74910 SEYSSEL u l-perjodu tranżitorju li jintemm fil-31 ta' Ottubru 2025 japplika għal EARL la Ferme de Combette, GAEC Les Airelles, EARL La Ferme des 3 Quartiers, GAEC La Ferme de la Ville.

(3) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi.

(4) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-emenda tal-ispeċifikazzjoni tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tikkonċerna d-denominazzjoni "Tomme de Savoie" (IĠP), hija b'dan approvata.

*Artikolu 2*

Il-protezzjoni prevista skont l-Artikolu 1 hija soġġetta għal perjodu tranżitorju mogħti minn Franza skont l-Ordni tat-29 ta' Ottubru 2015 dwar l-indikazzjoni ġeografika protetta "Tomme de Savoie", ppubblikata fis-7 ta' Novembru 2015 fil-*Journal Officiel de la République française* skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, għall-operaturi li jissodisfaw il-kundizzonijiet ta' dak l-Artikolu.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' oriġini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.)
([3]) ĠU C 58, 23.2.2017, p. 30.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Phil HOGAN
*Membru tal-Kummissjoni*